

# Santi bix-xbieha ta' San Gejtanu

jikteb Mario Fenech

**Mhux** dejjem tkun ħaġa faċli li tiltaqa' ma' Santi antiki bix-xbieha ta' San Gejtanu. Tant hu hekk li fil-kollezzjoni kbira ta' Santi li għandi, wieħed isib biss tliet Santi ta' dan il-Qaddis.

L-ewwel Santa teħodna lura mhux ħażin fis-snin. Hi Santa bil-kulur li fiha naraw lill-Qaddis qiegħed iħares b'ħarsa ħelwa lejn Ġesu' Bambin li qed iżomm b'tant għożża ġewwa idejh. Din is-Santa kienet inħarġet fl-Italja x'aktarx fis-snin tletin. M'hemm l-ebda talba fuq in-naħa ta' wara tagħha, u fuq quddiem naraw biss il-kliem *S. Cajetanus Thienaeus.*

Iż-żewġ Santi l-oħra huma bl-istess xbieha għalkemm huma xi ftit differenti minn




**Is-Santa maħruġa fl-Italja is-snin tletin**

xulxin.

Fil-fatt l-ewwel waħda minnhom, li għandha t-truf maqtugħin pizzi, hija ferm antika, tant li fuq in-naħa ta' wara tagħha tidher id-data tal-ħruġ, li taqra id-29 ta' Lulju 1898. Jidher li din is-Santa kienet waħda ta' importanza għaliex wara ħafna snin mill-ewwel ħarġa tagħha, reġgħet inħarġet bi ftit modifikazzjonijiet, iżda bl-istess kliem fuq quddiem, jiġifieri *S. Gaetano pregate per noi*, u bl-istess talba fuq in-naħa ta' wara tas-Santa.

It-talba fuq wara, li hi bit-Taljan, tgħid - Qaddis, li int magħruf l-aktar għall-Providenza, u dan bir-raġun, jekk fil-ħajja tiegħek ridt li toffri eżempju singulari ta' fiduċja assoluta fil-Providenza Divina, u tixtieq twassal dan l-ispirtu lil uliedna biex flimkien jigglorifikaw lil Alla kull ħin u kull mument, tolqotni għall-fiduċja qawwija li għandek f'Alla. Agħmel li jien inkun aktar kunfidenti fil-ħniena ta' Alla, anqas beżżiegħ, u li ma noffendix aktar lill-Ħallieq Divin, Konservatur tal-Providenza. Idħol għalija int glorjuż Gejtanu biex ikunu maħfura dnubieti u biex nibqa' miexi fuq il-passi tiegħek u li naqla' l-grazzja li nadura bl-umilta' kollha lill-Providenza Divina bħalma għamilt int.




**Iż-żewġ Santi li juru lil Gejtanu. Ta' l-ewwel maħruġa fl-1898 u l-oħra ħafna snin wara.**